**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 80 / 2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Ahmad Raji**

Illum 6 ta' Gunju, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Ahmad Raji detenur tal-karta tal-identita Maltija 409819L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. fil-kapacita tieghu personali u/jew ta' persuna li jhaddem nhar it-30 ta' settembru 2019 matul il-gurnata u/jew fil-ginghat u/jew fix-xhur ta' qabel, f99/101, Triq Manoel De Vilhena, Gzira naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qieghed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan billi bhala persuna li jhaddem, naqas li jara li x-xoghol fl-gholi jkun ppjanat sew u jiehu l-mizuri xierqa u sufficjenti biex jipprevjeni waqghhat minn distanzi li jistgħu jikkawzaw dannu personali. Naqas li jara li xoghol fil-gholi jitwettaq biss b'taghmir xieraq personali jew li jintużaw

mezzi kollettivi ta' protezzjoni bhal bennieni pjattaformi jew xbieki tas-sigurta`. Fejn bennieni huma wzati, dawn ghandhom ikunu solidi, gholjin bizejjed u jkollhom almenu zokklu, poggaman principali u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Illi naqus li jara li l-qlugh protettiv, barriera jew forma ohra ta' protezzjoni għandu jigi mwahhhal madwar garigori, turgien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fethiet u f'xi oqsma ohra kollha fejn kull persuna tista' taqa distanza li tista tikkawza hsara personali jew li jaqhuh gewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvi riskju mill-gharqa jew korriment serju. Illi naqas milli jara li l- qlugh prottetiv, barrieri jew forma ohra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' gholi adegwat u ta' sahha adegwata ghall-iskop li huma uzati u dan ai termini ta' l-Artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap. 424 u Art. 5.1,5.2,5.3,5.4,5.5 (Skeda IV Sezz II PArti B) ta' A.L. 88/2018.

2. Illi fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas li jaghmel jew li jizgura li ssir evalwazzjoni xiereqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli tas-sahha u sigurta kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l'evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiem u tal-persuni li jahdmu ghar-rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l- post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol mwettaq jew in konessjoni mieghu jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai terminu ta' l-artikolu 10(1) ta' L-A.L 36/03 (S.L 424.18)

3. Illi talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' tieghu ta' persuna li jhaddem, naqas milli jizgura li kull taghmir prottetiv personali jkun jhares id- dispozzizjonijiet specifikati fi Skeda 2 ta l-Ordni u jizgura li fejn il-presenza ta' aktar minn riskju wiehed jehtieg li haddiem jilbes fl-istess hin aktar minn oggett wiehed ta tghamir prottettiv personali dak l-apparat ikun kompatibbli li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Illi naqas ukoll li jistabilixxi l- kundizzjonijiet ta' uzu ta' tghamir protettiv personali b'mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta` tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm il-bniedem ikun espost har-riskju, il-

karatteristici tal-post tax-xoghol ta' kull haddiem u l-operazzjoni tat-tghamir prottetiv personali u jizgura ukoll li jekk ic-cirkostanzi jehtiegu li t-tghamir prottetiv jintlibes minn aktar minn persuna wahdu jiehu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizgura li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Illi naqqas li jizgura li dan it- tghamir jinghata minhajr ebda hlas minn min ihaddem u jizgura li dan it-tghamir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni igenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u tibdil ta' bicciet mehtiega. Naqas milli jara li qabel ihaddem juza tghamir prottetiv personali javzah dwar ir-riskji li t-tghamir ikun qieghed iharsu kontrihom. Naqas ukoll li jizgura li jigi kkonsultat ir-Rapprezentant tas-sahha u s-sigurta tal-Haddiema u dan ai termini ta' A.L 121/03 (SL 424.21)

<u>**Illi permezz ta' sentenza datata l-erbatax (14) ta' Frar, 2023**</u>, il-Qorti wara li rat l-artikoli 6(1), (2) u 38 tal-Kap 424 tal- Ligiiet ta' Malta, ir-regolamenti 5.1,5.2,5.3,5.4,5.5 tar-raba' Skeda Sezzoni II, Parti B tal-Avviz Legali 68 tas-sena 2018; ir-regolament 10(1) tal-avviz legali 36 tas-sena 2003 u ir-regolamenti 4 sa 18 tal-Avviz Legali 121 tas-sena 2003, sabet lil appellant Ahmad Raji hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u kkundunnatu ghall-multa ta' tlett elef u hames mitt ewro (Eur 3,500)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 6(1), (2) u 38 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regoalmenti 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 tar-raba' Skeda, Sezzjoni II, Parti B) tal-Avviz Legali 88 tas-sena 2018; ir-regolament 10(1) tal- Avviz Legali 36 tas-sena 2003 u ir-regolamenti 4 sa 18 tal-Avviz Legali 121 tas- sena 2003, qed issib lill-qua imputat Ahmad Raji hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed kkundannatu ghall-multa ta' tlett t'elef u hames mitt Ewro (Eur. 3,500).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Ahmad Raji, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

**TILQA`** dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill appellanti hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u minflok TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u b'hekk **TILLIBERAH** minn kull imputazzjoni, htija u piena; alternattivament, u f'kaz BISS li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravji fil-mertu, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata inkwanti ghal piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Ahmad Raji li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**1. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti**

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-provi migjuba quddiemha meta sabet lil appellanti hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward ta' dawn l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

- **Oneru tal-Prova fuq il-Prosekuzzjoni**

Illi preliminarjament jibda biex jingħad illi l-appellant ma għandu għalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tiegħu; filwaqt illi kif tiddetta l-Liġi u del resto, anke' jgħalmuna l-Qrati tagħna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew għaqal li jwassal ġudikant sabiex jaqbel mat-teżi tagħha u cioe' tal- Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l- akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- "*Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit.*"

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v Peter Ebejer', fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l- ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

Illi jigi rilevat ukoll illi r-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il- Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita'.

Illi fl-ewwel lok, jigi rilevat illi f'dan il-kaz milli provi prodotti, minn imkien ma rrizulta, <u>lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni</u> illi effettivament l-appellant huwa l-persuna li kien responsabbli mis-sit u li kien hu li qed ihaddem n-nies mieghu. Filfatt,

minkejja illi skond ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, waqt l-ispezzjonijiet ezegwiti minnhom, huma ltaqghu mal-appellant qua l-kuntrattur fuq il-post, li kien ihaddem in-nies mieghu, huma mkien waqt it-testimonjanza taghhom ma spjegaw kif waslu ghal konkluzzjoni illi l-appellant kien prezenti fuq il-post fil-kapacita` tieghu ta' kuntrattur, li jhaddem in-nies prezenti fuq is-sit mieghu. Ma ngabet l-ebda prova f'dan is-sens, u filfatt l-unika evidenza li tressqet quddiem l-Ewwel Qorti huwa dak li allegatament stqarr l-appellant stess. Apparti li dan il-fatt gie ikkontestat, anke tramite l-kontro-ezami tax-xhieda li sar mid- difiza, (u dan peress illi l-appellant QATT ma ddikjara illi huwa l-kuntrattur jew li jhaddem in-nies mieghu), dawn d-dikjarazzjonijiet mhux ammissibbli bhala prova kontra l-appellant, u dan peress illi l-appellant la qatt ma gie moghti t-twissija li d- dikjrazzjonijiet moghtija minnu jistghu jigi riprodotti l-Qorti u uzati kontra tieghu bhala prova, u anqas jidher illi huwa inghata d-dritt li jkellem Avukat, qabel ma jaghmel id- dikjarazzjonijiet tieghu. Fl-umli fehma tal-appellant, mhijiex biss il-Pulizija li trid taghti d-debiti twissijiet u wkoll id-dritt li persuna suspettata jikkonsulta ma' Avukat, izda anke Awtorita li ghandha s-setgha titlob li jittiehdu passi kriminali, liema jgorru wkoll pieni oneruzi bhal fil-kaz odjern. Ghalhekk, dejjem fl-umli fehma tal-appellant, l-Ewwel Qorti kellha tiskarta kwalunkwe dikjazzjoni li suppost irilaxxa l-appellanti.

Di piu`, minkejja illi l-appellant instab hati ta' diversi nuqqasijiet, fil-kapacita tieghu ta' persuna li jhaddem in-nies mieghu, l-prosekuzzjoni mkien ma ndikat ebda dettalji tal- persuni li suppost mpjegati mal-appellanti. la ismijiet, la indirizz, la numru tal-karta ta' l-identita` tagghom, u l-ebda dettalji ohra. Illi fl-umli tad-difiza, L-APPELLANT MA SETA QATT JINSTAB HATI QUA L-PERSUNA LI JHADDEM META MA GIE NDIUKAT HADD SPECIFIKU BHALA PERSUNA LI JAHDEM MIEGHU.

Allura, finalment, jinghad illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib lil appellant hati tal-provi dedotti kontra tieghu, u dan peress illi kif fuq spjegat, il-provi mressqa mill- prosekuzzjoni ma jwasslux sal-grad rikjest mill-ligi, ghal sejbien ta' htija.

**Piena Erogata:**

Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li ma jiddisturbawx il- piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi fuq ton akkademiku, pero' l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal- Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f'kull każ Qrati ta' l-appell xorta ghandhom jidhlu f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le.

Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu u hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, u dan tenut kont li huwa ghandu kondotta netta. Minkejja illi l-appellant ilu jahdem fil-kostruzzjoni, din hija l-ewwel darba li tressaq akkuzat.
Illi ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo:**

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mearrat bil- ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibul bilanc gust bejn dawon u diversi skopijiet oħra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo deciza mill**-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

"Il-*piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop ichor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l- bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tel-piena.*"

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it- tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is- socjeta' għalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-għajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta' permezz ta' servizz fil-komunita'. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal- probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is- sodisfazzjon li hija tippretendi li għandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat in funditus meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il- Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l- kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l- iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jgħaddi ghat-tieni stadju, u cioe' biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il- gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi 1-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe' biex jikkonsidra jekk għandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal- Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il- piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk għandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe' ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which*

*the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika 1- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem ichor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

**9**. *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-għajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan- nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat ichor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta u tar-reazzjoni tas- socjeta' ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant****:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

*"L-imputat kien mill-ewwel ikkoopera mal-pulizija fejn kien tahom l-imsemmija medicina li hu kien qal li ghamel hu stess dawn ir-reklami fuq Maltapark. Fil-fatt gew elevati sbatax il-kaxxa tal- fifty milligrams kif ukoll ghaxar kaxxi tal-hundred milligrams tal-medicina Sildenafilli."*
Ghalhekk il-piena imposta kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' dan il-Qorti nhar il-11 ta' Mejju, 2023.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat,

L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament zbaljat tal-provi prodotti mill-Ewwel Qorti. **Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet.** Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul***

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

***mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking*

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.

*doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami

[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

F'dan il-punt, il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak specifikament ritenut mill-appellant fir-rikors t'appell tieghu fir-rigward tal-oneru tal-prova. Huwa minnu illi huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[10] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

[10] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[11] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' spergur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Illi fir-rigward tal-prova u min ghandu jressaqha, ir-regolament 15 ta' A.L. 88 ta' 2018 jew L.S. 424.36 li ggib l-isem Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) jistipula hekk:

> *'F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit.'*

Fis-sentenza **il-Pulizija vs William Gauci**[12] gie ritenut hekk:

> ***'Illi huwa minnu dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali fl-appell minnu ntentat illi l-liġijiet regolanti s-saħħa u s-sigurtà fuq il-***

[11] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 t' Ottubru, 2022.

*<u>**post tax-xogħol iqiegħdu l-oneru tal-prova fuq l-imputat sabiex juri li għamel dak kollu raġjonevolment mistenni minnu sabiex jaderixxi ruħu mal-obbligi tiegħu naxxenti mill-Liġi**</u>.'*

Dan gie kkonfermat ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif ippreseduta fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Carmelo k/a Charles Borg**</u> deciza nhar it-28 ta' Lulju, 2022.

F'kaz iehor li jitratta regolament simili ghar-regolament 15 tal-L.S. 424.36 u cioe' regolament 32[13] tal-L.S. 424.15,[14] il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Owen Xerri et**</u>[15] qalet hekk:

> *'Illi jingħad ukoll li skont dak li hemm magħdud fir-Regolament numru 32 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.15, <u>il-piż tal-prova jaqa' fuq l-akkużat sabiex jipprova li ma kienx raġonevolment prattiku li jagħmel iżjed minn dak li jkun sar sabiex jissodisfa l-vot tal-liġi għal dak li jirrigwarda dawk id-dmirijiet illi huwa jkollu jew li jipprova li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt kienu ntużaw biex jissodisfa dak id-dmir jew dik il-ħtieġa</u>. <u>**Dan pero' ma jkunx ifisser illi hemm inverżjoni tal-oneru tal-prova għaliex jispetta dejjem lill-Prosekuzzjoni illi tipprova bil-mezzi li tagħtiha l-Liġi u billi tressaq l-aqwa prova skont il-każ, li kien hemm nuqqas li wieħed jikkonforma ruħu ma' dawn il-Liġijiet.'**</u>*

Illi din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza.

<u>**Clinton Cachia**</u>[16] xehed bhala ufficjal tal-OHSA permezz t' affidavit fejn qal li nhar it-30 ta' Settembru, 2019 ghall-habta ta' 10.15am ghamel spezzjoni fuq sit ta' kostruzzjoni

---

[13] *Fil-proceduri kollha ghal reat skond dawn ir-regolamenti,li jikkonsisti fin-nuqqas li wiehed jikkonforma ruhu ma' xi dmir jew htiega li ghandu jaghmel, jew li jaghmel xi haga safejn danikun ragonevolment prattikabbli, l-akkuzat ghandu jipprova (kif ikun il-kaz) li ma kienx prattiku jew ma kienx ragonevolment prattikabbli li jaghmel izjed minn dak li sar biex jigu sodisfatti da kid-dmir u dik il-htiega, jew li ma kienx hemm mezzi prattici ahjar,minn dawk li fil-fatt intuzaw, biex jissodisfaw dak id-dmir jew dik i-htiega.*

[14] Htigijiet Minimi ta' Sahha u Siguta' Fuq il-Post tax-Xoghol.

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Dicembru, 2022.

[16] Fol. 6 et seq tal-process.

bl-indirizz 99/101, Triq Manoel De Vilhena, Gzira u dan wara li l-OHSA rceviet talba ghall-assistenza mis-Sur Aldo Busuttil li kien jokkupa r-rwol ta' "*Project Supervisor*" tal-progett. Is-sit inkwistjoni kien jikkonsisti f'binja ta' sitt sulari fejn kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni fil-livell tal-"*penthouse*" kif ukoll xoghol ta' "*finishing*", fi stadju bikri, fis-sulari l-ohra. Minn barra t-triq seta josserva mill-ewwel li numru ta' gallariji fil-faccata ma kellhom ebda forma ta' lqugh biex jigu evitati perikli relatati ma waqghat mill-gholi, jew inkella kien hemm nuqqas ta' "*mid-rails*". Kif dahal fuq is-sit, seta' josserva li l-ilqugh tat-tarag kien fi stat fejn ma kienx b'sahhtu bizzejjed biex izomm persuna milli taqa', infatti f'postijiet, l-injam kien gongut. L-ilqugh tat-tarag kien ukoll minghajr "*mid-rails*". Hu osserva wkoll li mhux ix-"shafts" tal-lift kollha kellhom ilqugh adegwat. Fuq il-post kien hemm erba' haddiema, tnejn minnhom kienu jahdmu ma Thomas Azzopardi u dan tal-ahhar gie mitkellem separatament. Iz-zewg haddiema l-ohra kienu Abu Mouhaman Sau u Allou Fumba u dawn kienu mpjegati mal-appellant biex jaghmlu xoghol ta' tikhil. Is-Sur Allou Fumba ma kienx liebes "*safety shoes*". Il-haddiema in kwistjoni kienu esposti ghall-perikli relatati ma waqghat mill-gholi minhabba n-nuqqas ta' lqugh fix-xaftijiet tal-lifs, nuqqas ta' lqugh fil-gallariji, kif ukoll lqugh mhux adegwat fit-tarag. Xoghol produttiv fuq is-sit gie verbalment imwaqqaf sakemm isir xoghol rimedjali u s-sit ikun sigur. L-appellant kien gie mitkellem fuq it-telefon.

Nhar l-1 t' Ottubru 2019 hu ghamel laqgha mal-appellant. Qabel din il-laqgha l-appellant gie mfakkar fid-dritt li jkollu assistenza legali kif ukoll gie mwissi li dak kollu li jintqal seta' jingieb bhala prova fi proceduri legali. L-appellant irrinunzja ghad-dritt ghall-ghajnuna legali. Meta gie mistoqsi jekk il-haddiema kienux impjegati tieghu, hu kkonferma izda meta gie mistoqsi x'kien ghamel sabiex jelimina l-perikli fuq dan is-sit, hu ma wegbux. Is-Sur Cachia pprezenta wkoll set ta' ritratti li jinsabu esebiti a fol. 9 et seq tal-process.

**<u>Louis Buhagiar</u>**[17] xehed nhar l-10 ta' Dicembru, 2021 in rapprezentanza tal-Jobsplus. Hu gie mitlub jixhed dwar l-impjieg tal-appellant nhar it-30 ta' Settembru 2019 fejn qal

[17] Fol. 15 tal-process.

li dan kien *self-employed plasterer* u li l-impjieg tieghu spicca fil-15 ta' Dicembru, 2020. L-appellant ma kellu l-ebda impjegati rregistrati mieghu f'dik il-gurnata msemmija.

**Aldo Busuttil**[18] xehed nhar l-10 ta' Dicembru, 2021 fejn qal li hu kien gie appuntat minn klijent sabiex jassumi reponsabbilta' ta' *Project Supervisor* f'99/101 Triq Manoel De Vilhena, Gzira. Hu jghid li ghamlu diversi spezzjonijiet fuq is-sit koncernat u x-xoghol kien ghadu f'sit ta' kostruzzjoni u anke *plastering*. Paul Borg bhala spettur min-naha tal-kumpanija taghhom kien jaghmel l-ispezzjonijiet. Hu qal li fizikament ma ghamilx spezzjonijiet. Hu qal li qed jixhed fuq dak li kien qallu haddiehor u li r-rapporti kien hejjihom is-Sur Paul Borg. Hu spjega illi l-ispettur kien ikellem lill-haddiema u kien jordnalhom ukoll li jaghmlu certu affarijiet mbghad hu bhala *Project Supervisor* kien jikkomunika mal-klijent. Is-Sur Busuttil qal li l-klijent f'dan il-kaz kien il-Perit David Sultana ghan-nom ta' Gold Circle Developments Limited. Qal li l-klijent ipprovdielu l-lista tal-kuntratturi li giet imnizzla fin-notifika tal-OHSA. Hu ma kienx f'pozizzjoni li jikkonferma jekk kienx hemm xi kuntrattur bil-kunjom Raji.

Is-Sur Busuttil[19] rega' xehed nhar id-9 ta' Gunju, 2022 fejn qal illi l-klijent ma tahx informazzjoni pero' ma jfissirx li fir-responsabilta' tieghu ta' *project supervisor* illi jekk kien hemm xi xogholijiet ghaddejin ma jissupervizjhomx ghax ma kienx fuq il-lista. Hu spjega illi fir-responsabilita' tieghu irid jassigura li s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema kollha, mnizzlin jew le ried jara li qed jahdmu sew. Hu sostna illi kull kuntrattur li jimpjega n-nies ghandu obbligi legali tieghu skond l-att 27 paragrafu 6 tas-sena 2000 illi jiehu hsieb is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema ta' terzi li jistghu jigu affetwati bix-xoghol taghhom li jevalwa r-riskji u affarijiet ohra minn dawn. Fil-lista li kien ghaddilhom inizzjalment, l-appellant ma kienx imnizzel fil-lista.

**Paul Borg**[20] xehed nhar it-3 ta' Marzu, 2022 fejn qal li kien jahdem mal-AME u li kien irraporta li f'sit gewwa l-Gzira kien hemm problema ta' waqghat mill-gholi u anke l-ilbies li suppost jintlibes b'mod mandatorju. Hu xehed li kien ghamel rapport dwar dawn l-affarijiet. Qal ukoll li kien baghat dan ir-rapport il-*mailing list* li kellhom li

[18] Fol. 17 et seq tal-process.
[19] Fol. 35a et seq tal-process.
[20] Fol., 25 tal-process.

huma l-klijent u l-kuntrattur fost ohrajn. In-nies li kien ikun hemm fuq is-sit kienu jghidulhom sabiex jiehdu azzjoni sabiex in-nuqqasijiet jittrangaw. Hu stqarr illi lill-appellant kellmu diversi drabi u anke l-haddiema tieghu u haddiema ohrajn li kienu jkunu fuq is-sit. Is-Sur Borg gharaf ukoll lill-appellant fl-awla. Hu xehed illi l-appellant kien kellmu fuq waqghat mill-gholi, *scaffolding*, l-ilbies protettiv u fuq xi affarijiet ohrajn. Hu qal li ma jiftakarx kemm kellu haddiema l-appellant fuq il-post. In kontro-ezami spjega illi lill-appellant kien ikellmu fuq is-sit tal-kostruzzzjoni u kien indikalu min kienu l-haddiema tieghu. Hu spjega li kien ikellem lill-appellant fuq in-nuqqasijiet u sabiex dawn jittrangaw. Hu sahaq li kien isir rapport kull darba li kienet issir spezzjoni u kien jintbghat lill-partijiet kollha. Is-Sur Borg xehed illi meta n-nies li jigu mitkellma ma jmorrux skond il-kelma taghhom, huma jkellmu l-OHSA. Sostna illi l-kuntrattur irid jiehu hsieb li kollox jigi mplimentat kif suppost. Mistoqsi mill-Qorti x'kien l-irwol tieghu fil-konfront at' dan is-sit, hu qal li kien *Health and Safety Inspector*. Hu gharaf ir-ritratti esebiti mill-process u identifika s-sit bhala l-istess li ghamel referenza ghalih fix-xhieda tieghu.

Is-Sur Borg[21] rega' xehed nhar id-9 ta' Gunju, 2022 fejn qal li l-appellant kien kuntrattur fuq dan is-sit in kwistjoni. Izda, mistoqsi min kien qed jipprezenta ruhu fuq dan is-sit partikolari bhala kuntrattur, hu wiegeb li ma jiftakarx. Hu spjega illi dokumentazzjoni ma kellu xejn. Hu spjega x-xoghol tieghu fejn meta kien ikun hemm nuqqas, isir rapport u jintbghat il-kuntrattur. Jekk l-istruzzjonijiet ma jigux segwiti jitolbu l-assistenza tal-awtorita'.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi din il-Qorti sejra tghaddi mill-ewwel sabiex taghmel referenza ghall-punt mqajjem mill-appellant fl-ewwel aggravju tieghu fejn dan qal illi d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-appellant mhux ammissibli u dan stante li dan tal-ahhar qatt ma gie moghti t-twissija li d-dikjarazzjonijiet moghtija minnu jistghu jigu riprodotti l-Qorti u wzati kontra tieghu bhala prova u anqas ma nghata d-dritt li jitkellem ma avukat qabel jaghmel id-dikjarazzjoni tieghu. Din il-Qorti taghmel referenza f'dan ir-rigward ghall-

[21] Fol. 35c tal-process.

affidavit ta' Clinton Cachia bhala ufficjal tal-OHSA fejn dan qal li dawn id-drittijiet inghataw lill-appellant u li sahansitra dan tal-ahhar irrifjuta ghad-dritt tal-assistenza legali. Madankollu, fl-atti ma tirrizulta l-ebda dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-parir legali. Hawnhekk issir referenza ghall-Artikolu 355AUA(6) tal-Kodici Kriminali li jistipula s-segwenti:

> *'(6) Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga* ***jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih.*** *M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata ma għażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qed tinżamm taħt arrest.'*

Kif diga' gie ritenut ma tinsab l-ebda dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali fl-atti. Stante li tali rinunzja ghall-assistenza legali ma gietx irregistrata skond il-ligi, ma jistax jinghad illi tali rinunzja giet moghtija b'mod inekwivoku u li gew imharsa s-salvagwardji minimi u proporzjonali ghall-importanza taghha. Ghaldaqstant kwalunkwe referenza ghal dak li qal l-appellant lil Clinton Cachia fil-kapacita' tieghu ufficjal tal-OHSA ghandha tigi ddikjarata inammissibli u sussegwentament sfilzata. Ghal din ir-raguni din il-Qorti mhux sejra taghmel referenza ghal dak li qal lill-appellant lis-Sur Cachia.

Ghaldaqstant din il-Qorti ghandha quddiema l-provi li referenza ghalihom diga' saret *supra* u li mhux ser terga' tirrepeti a skans ta' hafna repetizzjoni. Rinfaccata b'dan kollu din il-Qorti jidrilha illi minkejja li l-appellant qieghed isostni li hu ma kienx kuntrattur u li l-prosekuzzjoni ma gabitx prova ta' dan, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-*Health and Safety Inspector* Paul Borg li gharaf lill-appellant quddiem l-ewwel qorti u kkonferma wkoll li dan tal-ahhar kien qallu li kien hemm xi haddiema fuq is-sit li kienu jahdmu mieghu. Oltre minn hekk, ix-xhud xehed illi kien hu stess li sahansitra gibed l-attenzjoni lill-appellant dwar xi nuqqasijiet. Il-haddiema tal-appellant gew

identifikati wkoll mill-ufficjal tal-OHSA Clinton Cachia. Dan maghdud, l-appellant ma ressaq l-ebda prova sabiex per ezempju juri illi huwa rratifika n-nuqqasijiet tieghu jew li pprova jaghmel xi haga da parte tieghu sabiex jizgura illi l-haddiema ma jkunux f'periklu u li jigi milbus ilbies protettiv.

Illi mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad hawn fuq, abbinat ma' dak li jirrizulta fl-atti processwali nkluz id-depozizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Ewwel Qorti u kif ukoll inkluz ir-ritratti esebiti a fol. 9 et seq tal-process, din il-Qorti jirrizultalha li l-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi fuq liema l-Ewwel Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant.

It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwardja l-piena erogata mill-ewwel qorti u dan ghaliex fil-fhema tieghu din hija wahda eccessiva. Din il-Qorti ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ahmed Al Shanburi**[22]:

> *'Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li* ***s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:***
>
> ***a. għall-offiża in kwistjoni u***
> ***b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati***
>
> ***u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.*** *Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler*** *et deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti*
>
> *8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola,* ***ma tiddisturbax il-piena erogata mill-***

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Novembru, 2022.

***ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.***

*Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex terroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ,* ***jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati.*** *F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl- eżerċizzju ta' revizjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.'*

L-Artikolu 38(3) tal-Kap. 424 jipprovdi illi:

*'Kull persuna li tagħmel xi reat kontra dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att teħel, meta tinstab ħatja, il-****piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien****; u barra minn hekk, il-Qorti tista' wkoll, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tħassar il-liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-miktub jew permessi maħruġa lil jew*

*f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat:*

*Iżda ebda proċedimenti ma jittieħdu kontra xi persuna li, wara li tkun irċeviet avviż mill-Awtorità għall-pagament ta' penali ta' mhux aktar minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) għax tkun kisret xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att, tottempera ruħha mad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u tħallas dik il-penali lill-Awtoritàà, fiż-żewġ każi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tkun irċeviet dak l-avviż.*

Ghaldaqstant, din il-Qorti tghid li multa fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt euro (€3,500) mhux wahda ezagerata u dana tenut kont ta' dak li tiddisponi l-ligi fir-rigward tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll u taghmel taghha dak li ntqal fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ibrahim Al Yassin**[23] fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*'Din il-Qorti tirrafferma dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha li hija temmen fis-sħiħ li l-kuntratturi għandhom ikunu ben konxji tal-obbligi legali tagħhom għal dak li jirrigwarda saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol speċjalment tenut kont tar-riskji li dan is-settur tal-kostruzzjoni iġorr miegħu u ġialadarba n-nuqqas ta' ħarsien ta' dawn l-obbligi jistgħa jirriżulta f'korrimenti serji ta' terzi persuni.'*

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti fl-intier taghha u ghalhekk qedgha tichad l-aggravji mressqa mill-appellant Ahmad Raji.

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar l-20 t' April, 2023.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera kopja**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**